MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 297/2001/1

**Cettina Dimech**

**Vs**

**Paul Debono**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bihl-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat prevja dikjarazzjoni li l-konvenut esegwixxa l-appalt mill-attrici lill-konvenutmoghti, ta' tqeghid ta' madum tal-hajt u tal-art, fil-fond ta' residenza taghha fuq indikat, mhux kond is-sena' u l-arti, b'mod li kkawza danni sostanzjali lill-attrici li jeccedu l-Lm500, li taghmel tajjeb ghad-danni hem kkawzati lill-attrici, u da likwidarsi, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra bonarja tad-29 ta' Jannar 2001, kontra l-intimat gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi mhux minnu li hu ikkawza d-danni fl-esekuzzjoni tal-appalt tieghu, liema esekuzzjoni saret skond l-arti u s-sengha anke tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-fond li fih sar ix-xoghol.
2. Illi f'kull kaz l-attrici ma sofrix danni ghaliex lanqas biss hallsitu tax-xoghol tieghu.
3. Illi minghajr pregudizzju hu anke offra lill-attrici li jerga jaqla l-amdum u jerga jpoggih kif kien biex jevita dawn il-procedura izda ma tatux twegiba.
4. Illi l-attrici qatt ma lmentat mix-xoghol sakemm kien qed isir u kien biss wara li spicca x-xoghol li bdiet tilmenta, precizament meta l-esponent baghtilha l-kont.

Rat id-digriet taghha moghti fis-6 ta' Lulju 2001 (fol 10 u fol 11 tal-atti) u li bih gie nominat bhal aespert tekniku l-A.I.C. David Pace kif ukoll dak sussegwenti mgohti fit-30 ta' Lulju 2001 (fol 12 u fol 13 ibid) u li bih gie nominat bhala espert tekniku, in sostituzzjoni ta' dak nominat precedentement, l-A.I.C. Renee Buttigieg.

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert tekniku (fol 37 et seq ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 15 et seq ibid) fit-13 ta 'Novembru 2000, kienet tat l-inkarigu lill-konvenut sabiex jwahhal madum tac-ceramika fir-residenza taghha, kemm mal-art kemm mal-hitan u fil-postijiet specifikati fl-istess xhieda. Dwar dan l-appalt il-konvenut kien ghamel stima tax-xoghol involut wara li kien ra l-post kif ukoll kejjel fejn kellu jsir dan ix-xoghol. L-attrci semmiet illi l-istess appalt kien jinkludi, ukoll, twahhil ta' 'wall paneling' kontra l-umdita'. Inoltre hi specifikat li '…. L-materjal biex hadem xtrah huwa, filwaqt li l-madum tac-ceramika kollu xtrajtu jiena'. Wara li dan ix-xoghol kien inbeda' ('…. Beda' daqqa jigi u

daqqa le') bint l-istess attrici li keient tmur tara x'kien qed jsir bhala xoghol, kienet ilmentat mal-konvenut "… dwar dak li kien jidhrilha mhux sewwa' sakemm jidher li l-konvenut kien offenda ruhu '… u telaq l-appalt … (u) … ix-xoghol li kellu jaghmel qatt ma spiccah fl-ebda kamra'. Meta gara hekk u war ali keient irceviet ittra sabiex thalla skull bilanc ghadu dovut minnha, hi keinet inkarigat il-Perit Godwin Aquilina sabiex jesamina x-xoghol attwalment esegwit, liema xoghol kien gie dikjarat 'mhux skond is-sengha u l-arti".

Ikkunsidrat

Illi l-istess espert tekniku u nominat kien ikkostat illi x-xoghol maghmul mill-konvenut '….ma sarux skond is-sengha u l-arti' (ara fol 56 ibid) u dwar dan l-istess espert kien illikwida l-ammont ta' danni konsegwenzjali fis-somma totali ta' Lm585. Tenut kont li l-valur u l-prezz tal-appalt kien gie miftiehem ben il-partijiet fis-somma ta' Lm657 (ara fol 15 ibid) jidher evidenti li d-difetti fl-esekuzzjoni ta' dan l-appalt da parti tal-konvenut ma jistax jigi konsiderat bhala wiehed minimu. Anzi ghandu jigi konklus li tali esekuzzjoni saret b'mod altament difettuz u ghalhekk hu gustifikat l-agir tal-attrici li ma taccettax li l-istess difetti jigu rimedjati mill-istess konvenut.

Ikkunsidrat

Illi kif jinghad fl-artikoli 1570 tal-Kodici Civili, kif res applikabbli mill-artikolu 1627 ibid, kuntratt ta' appalt jista' jigi xolt meta xi wahda mill-partijiet '…fails to perform his obligation …. and in any such case the party aggrieved by the non-performance may elect either to ----- the other party to perform the obligation, if this is possible or to demand the dissolution of the contract together with damages for non-performance". F'dan il-kaz, jidher li l-attrici ghazlet it-tieni alternattiva b'mod kif di gja inghad, gustifikat in vista tad-difetti sostanzjali, fl-esekuzzjoni ta' dan l-appalt.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-attrici kienet di gja, hallset akkont ta’ Lm200, in rigward il-prezz u l-valur tax-xoghol miftiehem bejn il-partijiet kif ukoll tad-difetti risultanti f’dan il-kaz, l-attrici kienet gustifikata, legalment, li ma thallasx l-ammont li kien ghadu dovut bhala bilanc mill-istess prezz u li tippredenti l-hlas ta’ danni, kif likwidati mill-imsemmi espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-konvenut esegwixxa l-appalt in kwistjoni lilu moghti mill-attrici, mhux skon dis-sengha u l-arti;
2. Tillikwida l-ammont ta’ danni konsegwenzjali fis-somma ta’ m585 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm585 bl-imghax legali mid-9 ta’ April 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29 ta’ Jannar 2001.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------